# Kif ser napplikaw u nosservaw id-Direttivi rigward miżuri ta' prevenzjoni ta' tixrid tal-imxija tal-Covid-19 waqt FUNERALI f'ĦAL SAFI

**- mill-Ġimgħa 22-05-2020, sakemm ma jkun indikat mod ieħor -**

A. **POST:** Il-Knisja tagħna, bil-qies tagħha, ma tikkwalifikax biex tilqa' Ċelebrazzjonijiet ta' Funerali bil-Quddiesa minħabba li hi iżgħar minn 500m2. Iċ-Ċimiterju fih diffikultà minħabba li minn tlugħ ix-xemx sa nżulha, din tkun pjuttost qawwija, speċjalment fix-xhur li qed joqorbu. B'hekk rajna li l-aħjar possibiltà biex niċċelebraw funeral fil-miftuħ, hekk kif approvat mill-awtoritajiet tas-Saħħa u Ekkleżjastiċi, hija dik li **nibdew niċċelebraw il-Funerali fil-fetħa quddiem il-Knisja ta' Santa Marija,** jiġifieri fl-ispazju bejn is-Salib tad-Dejma, u l-fanali ta' Triq Santa Marija, fejn ser jitressqu/jitneħħew il-qsari mdaqqsa, u jitnaddaf il-post bl-approvazzjoni u l-għajnuna tal-Kunsill Lokali biex ikun adegwat. U l-Funeral ser ikun possibbli **BISS f'dan il-ħin indikat hawn taħt** sabiex ikollna d-dell - hekk kif muri f'dawn ir-ritratti li ttieħdu 22/05/2020 għal xi 9:45am - li jgħinna nevitaw ix-xemx, li bir-raġġi sħan tagħha li bdew jitqawwew, tagħmilha diffiċċli li niċċelebraw f'ħin ieħor. *Jekk tkun ix-xita jew ir-riħ ukoll ikollna diffikulta' biex niċċelebraw f'dan l-ispazju.*

- **7:30am - Trasport tal-katavru mill-kamra mortwarja direttament lejn il-fetħa ta' quddiem il-Kappella ta' Santa Marija.**
- **8:15am - Talb u Quddiesa *praesente cadavere.***
- **9:00am - Trasport bil-mixi lejn iċ-Ċimiterju.**
- **9:15am - Fiċ-Ċimiterju (fuq barra u mhux fil-kappella) isir t-talb li soltu jsir u t-tberik tat-tebut fil-preżenza tal-qraba l-aktar stretti. Wara ssir id-difna.**






**B. DISTANZI:**

F'kull ħin għandha tiġi rrispettata d-distanza ta' sigurtà u iġjene i.e. ***social distancing* ta' mill-anqas 2 metri** f'kull mument, b'eċċezzjoni għall-persuni li jgħixu fl-istess dar.

**Ċ. AMMONT, PUNTWALITA' U POŻIZZJONI (*BIL-WIEQFA*):**

Fil-każ tagħna kulħadd **(bejn 20 u 30 persuna)** għandu jasal qabel tibda l-quddiesa, u jibqa' **bil-wieqfa** sakemm ma jkunx hemm min vera jkollu bżonn ipoġġi bil-qiegħda. Min minħabba xi raġuni jara li jkollu bżonn ipoġġi bil-qiegħda idealment għandu jġib siġġu miegħu mid-dar u jiddiżinfettah kemm qabel u kemm wara.




**D. TABELLI B'INFORMAZZJONI:**

F'postijiet viżibbli fejn id-dħul tal-ispazju taċ-Ċelebrazzjoni Liturġika ser ikun hemm Tabelli b'Informazzjoni u indikazzjonijiet rigward miżuri essenzjali li għandhom jinżammu u min mhux ser jitħalla jidħol / jipparteċipa, hekk kif ipprovduta mill-Arċidjoċesi. ==================>

**E. PREŻENZA TA' PERSUNI LI JAGĦTU SERVIZZ:**

**i.** **Persuna/i li toffri sanitizer** lin-nies qabel jidħlu fl-ispazju taċ-ċelebrazzjoni u li tara li dawk 'l fuq minn 3 snin, ikunu libsu maskra jew *face visor* matul il-ħin kollu, sakemm dawn ma jkunux persuni bi bżonnijiet speċjali li ma jittollerawx maskra jew *visor*.

**ii.** **Persuna/i li tieħu t-temperatura** tan-nies qabel jidħlu fl-ispazju taċ-ċelebrazzjoni permezz ta' termometri li ma jeħtiġux kuntatt mal-persuna.
**NB.** Min ikollu Temperatura ta' 37.2° C ekwivalenti għal 99° F, jew ogħla, ma jitħalliex jidħol/jibqa' fl-ispazju liturġiku, u dan għandu jsir b'mod diskret biex kemm jista' jkun, l-individwu ma jiġix espost.

**iii.** **Usher/s** identifikabbli, eż. permezz ta' tags, biex jiggwidaw lin-nies fejn jistgħu joqgħodu. Dawn kollha:
- m'għandhomx ikunu persuni vulnerabbli;
- m'għandhomx ikunu inkluż persuni 'l fuq minn 65 sena;
- m'għandhux ikollhom sintomi respiratorji / ta' influwenza / li suppost jinsabu taħt kwarantina mandatorja jew suġġerita skont id-direttivi tal-Awtoritajiet tas-Saħħa;
- iridu jkunu lebsin maskra jew *face visor* u ingwanti l-ħin kollu;
- jevitaw dejjem kull kuntatt fiżiku mal-membri tal-kongregazzjoni.

**F. IĊ-ĊELEBRAZZJONI TAL-QUDDIESA WAQT FUNERAL:**

**i.** Il-Quddiesa trid issir bid-devozzjoni mitluba iżda mhux fit-tul:
Fil-każ tagħna ser nimxu hekk:-
**Bla Kant, Lezzjoni waħda u Salm; u Ħsieb qasir ħafna minflok Omelija.**

**ii.** **L-ebda kuntatt fiżiku** m'għandu jkun hemm ma' persuni oħra, lanqas fl-għoti tal-paċi.

**iii.** Fil-każ tagħna minħabba li ser ikollna mikrofonu wieħed, **il-Qari u t-Talbiet ser isiru miċ-Ċelebrant stess.**

**iv.** **Donazzjonijiet finanzjarji għandhom jitħallew fi qfief miftuħa** fejn il-persuni li jkunu qed joffru servizz u idealment id-donazzjonijiet isiru qabel jew wara l-quddiesa.

**v.** **L-Offerti** waqt il-Quddiesa **ser ikunu preżenti fuq l-artal minn qabel**.

**vi.** **Ħlief dik tas-saċerdot, l-ostji jibqgħu mgħottija l-ħin kollu inkluż waqt il-konsagrazzjoni.**

**vii.** Qabel jibda t-tqarbin, **minn fuq l-altar,** iċ-ċelebrant għandu juri l-Ewkaristija lill-poplu filwaqt li jgħidilhom **"Il-Ġisem ta' Kristu". Il-poplu f'daqqa jirrispondi "Ammen".**

**viii.** Dawk li jixtieqilu jitqarbnu għandhom **japplikaw sanitizer fuq idejhom** u juru x-xewqa tagħhom biex jitqarbnu billi **joħorġu idejhom il-bogħod minnhom u jilqgħu l-ostja**. Mhux permess tqarbin direttament fil-ħalq.

**ix.** **Fis-skiet u bla kliem, iċ-Ċelebrant jgħaddi jqarben lin-nies f'posthom**.

**x.** Kemm qabel kif ukoll wara l-quddiesa **mhux irrikkmandat li persuni jieqfu jitkellmu għal tul ta' ħin, u ma għandu jsir ebda kuntatt fiżiku.**

**xi.** Għandhom jiġu evitati konċelebrazzjoniiet, **i.e ikun hemm qassis wieħed għall-funeral**.

**G. TINDIF:**

Fit-tmiem taċ-ċelebrazzjoni għandhom jiġu diżinfettati l-oġġetti u l-paramenti sagri kollha li jkunu ntużaw.

Fr David Farrugia
Kappillan ta' Ħal Safi